

It-Tielet Ħadd tal-Avvent | Il-Ħadd 11 ta' Diċembru 2022

# Aħbar Tajba

Is 35,1-6a.10
Salm 146 (147), 7.8-9a.9bc-10
Ġak 5, 7-10
Mt 11, 2-11

"Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li qegħdin tisimgħu u taraw: l-għomja jaraw... **l-Evanġelju jixxandar lill-foqra. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija."**

Ma nafx qattx rajtu stampa ta' Janus, wieħed mill-allat fil-mitoloġija Rumana. Ir-Rumani kellhom ħafna allat differenti imma dan Janus kien tassew differenti mill-bqija għax kellu żewġt uċuħ. Tafu għaliex dan Janus kellu żewġt uċuħ? Ir-Rumani kienu jemmnu li Janus kien alla ta' kull bidu u tmiem u allura kellu wiċċ li jħares lura lejn il-passat u ieħor iħares 'il quddiem lejn il-futur.

Sa ċertu punt l-istorja ta' Janus taqbel ftit ma' dak li l-Avvent ifisser, għax filwaqt li l-Avvent irid ifakkarna fil-miġja ta' Ġesù elfejn sena ilu, però jisfidana wkoll biex niftakru fil-miġja ta' Ġesù li għad trid tiġi. Sfortunatament kultant ninsew din it-tieni parti, u nqattgħu l-ħin kollu nitkellmu fuq il-ġrajja ta' tant snin ilu mingħajr ma niftakru li hemm miġja oħra, meta Ġesù għad jerġa' jiġi biex jagħlaq l-istorja tad-dinja.

Kull wieħed u waħda minna qegħdin f'nofs din l-istorja. Imma aħna x'aħna nagħmlu? Kuntenti nħarsu biss, bla ma nagħmlu xejn? Hawn ħafna tfal u żgħażagħ li jqattgħu ħajjithom iħarsu u ma jagħmlu xejn. Insomma naħseb hawn adulti wkoll.

Fl-Evanġelju, Ġesù jitlobna biex bħalma hu stinka biex minn kull fejn jgħaddi jagħmel il-ġid, hekk ukoll aħna, li qegħdin f'nofs din l-istorja, nagħmlu kemm nifilħu ġid. Għax x'hemm isbaħ milli nippruvaw ngħinu lil ta' madwarna? Kif ħassejtek meta sħabek kellhom ftit xi jgħidu u flok għamilt bħalhom rajt kif tagħmel biex terġa' tagħmilhom ħbieb? U jekk xi ħadd kien inkwetat, kif ħassejtek meta ndunajt li tista' tgħinu? Kif ħassejtek meta dak li kellek qsamtu mal-oħrajn? U qatt kien hemm xi ħadd li weġġgħek u ħfirtlu? Ħassejtek aħjar minn meta pattejthielu? Meta ħassejtek l-aħjar, meta għedt il-verità jew meta gdibt?

Jekk inwieġbu b'mod sinċier nindunaw li kull darba li ħsibna f'ħaddieħor ħassejna ruħna ferm aħjar minn meta ħsibna fina biss. Għax għalkemm ħafna drabi naħsbu li meta nagħtu dak li hu tagħna lill-oħrajn inkunu qed nitilfu, fil-verità m'hemmx ferħ akbar minn meta taħdem biex tgħin lil ta' madwarek.

Għalhekk ejjew fil-jiem li ġejjin inkomplu ngħixu dan l-ispirtu ta' karità ħalli ta' madwarna jaraw fina xi jfisser li "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni."

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
ĠWANNI, ĦABS, MESSIJA, DIXXIPLI, EVANĠELJU, QASBA, TIXXEJJER, SLATEN, PALAZZI, PROFETA.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | A | T | T | I | T | S | A | B | K |
| P | D | P | L | A | I | IE | L | T | E |
| A | I | I | I | S | X | T | R | S | V |
| L | X | X | Q | A | X | S | A | L | A |
| A | P | R | O | F | E | T | A | A | N |
| Z | A | S | T | R | J | IE | T | T | Ġ |
| Z | GĦ | E | M | A | J | R | P | E | E |
| I | Ġ | L | E | V | E | O | F | N | L |
| I | W | A | S | W | R | A | T | E | J |
| Ħ | A | B | S | Q | A | S | B | A | U |
| N | N | D | I | X | X | I | P | L | I |
| T | N | R | J | M | B | I | B | B | J |
| E | I | F | A | GĦ | X | E | J | N | A |



## Il-Mużika fl-Antik Testment

Sa mill-ewwel żminijiet, il-bniedem beda jesperimenta u jipproduċi diversi ħsejjes li joħolqu l-mużika. Fl-użu tal-leħen kemm għall-ħsejjes ta' imitazzjoni ta' annimali jew kant, kif ukoll ċapċip bl-idejn u tisbit ta' saqajn, insibu l-ewwel forma ta' muzika li nħolqot mill-bniedem. Mal-mogħdija taż-żmien il-bniedem beda jagħmel strumenti li joħolqu ħsejjes differenti u aktar elaborati. Il-mużika kienet meqjusa bħala mezz ta' komunikazzjoni ma' Alla kif ukoll mezz ta' kif tikkontrolla l-emozzjonijiet tal-bniedem u saħansitra tfejjaq il-mard.

Fit- Testment il-Qadim insibu diversi referenzi għall-"mużika":
2 Samwel, 6; 5 – X'ħin l-Arka tal-Patt kienet qed tinġarr lejn Ġerusalemm, is-Sultan David u l-Iżraelin bdew jiżfnu quddiem l-Arka bil-għana u bid-daqq tal-kitarri, tal-arpi, tat-tnabar, taċ-ċnieċel, u tal-platti. Din tixhed il-qawwa tal-mużika bħala għajnuna għall-qima ta' Alla.

1 Samwel, 16; 14-23 – Is-Sultan Sawl kien inkwetat ħafna u spiċċa marid b'dan l-inkwiet. Għalhekk il-qaddejja tas-sultan ġabulu lil David peress li kien jaf idoqq tajjeb l-arpa u kull meta Sawl kien iħossu mdejjaq u inkwetat, David kien idoqq l-arpa u Sawl kien jehda u jħossu aħjar. Din l-istorja tixhed il-qawwa tal-mużika fuq l-emozzjonijiet tal-bniedem.

Ġożwè, 6; 12-20 – Ġożwè u l-armata ta' Iżrael iduru mal-belt ta' Ġeriko u jdoqqu it-trombi għal seba' darbiet kuljum. Fi-seba' jum, is-sur tal-belt jaqa' bl-għajjat u bid-daqq tat-trombi. Din tixhed il-qawwa tal-mużika fuq il-materja fiżika.




Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**Dan l-Avvent ejja magħna fi vjaġġ wara kewkba speċjali li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid.**

**Kuljum se timxi pass ieħor fl-istorja li bidlet id-dinja.**

Ibagħtilna email fuq info@mediacentre.com.mt
€1 VAT inkluża
jew ordnaw online minn sayitmalta.com




STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT! www.sayitmalta.com 32, Tarxien rd Paola YOUTHEME



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION